MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru. 64/2010

**Il-Pulizija**
**[Spetur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Denise Said**

Kumpilazzjoni Numru 64/2010

**Illum 12 ta’ April 2010**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Denise Said, bint Joseph u Mary nee’ Zerafa imwielda Attard nhar is-16 ta’ Lulju, 1973 u residenti Graziella, Flat 3, Triq l-Iskola, Msida u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru: 323873(M)

Akkuzata talli fis-27 ta' April, 2009 ghall-habta ta' 12:00hrs gewwa Triq ix-Xatt, Sliema saqet vettura b'Numru FBR 749 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma' mutur b'Nru 054, u nvolontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq is-sewwieq Emanuel Galea hekk kif iccertifika Dr.Shaun Agius (reg no 5155) mill-MDH 2 u katar talli naqset li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'STOP'.

Il-prosekuzjoni talbet lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-artikoli 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 2 ta' l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 12 ta' April 2010 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, il-griehi sofferti mill-parte leza u l-entieta taghhom, l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija u l-ammissjoni taghhha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputata li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 2 ta' l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969 fuq ammissjoni ssib lill-

imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha multa ta’ hames mitt Euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------